Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**IAN FARRUGIA**

SEDUTA TAS-6 TA' DICEMBRU, 2013

NUMRU. 485/2013

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Arthur Mercieca)**

**Vs**

**CLINT SHEAD**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat Clint Shead ta' 30 sena mwieled Pieta' nhar is-27 ta' Jannar 1983 iben Raymond u Rachel nee' Ciappara, residenti Blk 13 Flat 3 Triq il-Liedna, Santa Lucija u detentur tal-karta ta' l-identita' Nru 100883(M) gie akkuzat *talli fit-12 ta' Dicembru 2002, gewwa Tas-Sliema bejn is-9.00am u 17.45pm ikkommettejt serq ta' stereo tal-marka JVC ghad-dannu ta' Floriana Buttigieg liema serq ma jeccedix il-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (239.24) izda hu kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan ai termini tal-artikoli 261,*

*263(a), 271(g), 278(1)(2) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta*.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Rat li din il-kawza giet imressqa l-Qorti fix-xahar ta` Mejju 2013;

Rat li fl-udjenza ta` llum stess 6 ta' Dicembru 2013 saret l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet lix-xhud Vicky Scicluna bil-gurament;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-Ufficjal Prosekutur kif wkoll tad-difensur in tema ta' piena u jew sanzjoni.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjoni kif migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset l-istqarrija tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu tinsab sodisfacentement ippruvata u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghha.

**Ikkunsidrat**;

Illi dwar il-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni, ftit hemm x'jinghad. Kif stqarr l-ufficjal prosekutur, minghajr ma gie kontradett, bejn is-snin 1999 u 2004, l-imputat kien ghaddej minn zminijiet xejn sbieh, kien mitluf u hajtu mahkuma mid-dipendenza tieghu fuq id-droga. Dan iz-zmien wassal lill-imputat fl-ghali ghaliex xellef difru mal-awtoritajiet koncernati dwar ksur tal-ligi penali f'aktar minn okkazjoni wahda. Minn naha tieghu l-imputat jammetti li seraq dan l-istereo tal-marka JVC nhar it-12 ta` Dicembru 2002. Hu jiddispjacieh ta` li ghamel.

Izda – u dan hu l-aktar fattur importanti – kif tixhed tajjeb Vicky Scicluna in rappresentanza tas-Sedqa, l-imputat ma qaghadx passiv u lura fis-sena 2004-2005 iddecieda li jaghmel xi haga biex jeghleb id-dipendenza tieghu mill-abbuz tad-droga. Bejn is-snin 2005-2007, l-imputat segwa programm residenzjali u ggradwa b'success minn dan il-programm ta` riabilitazzjoni. Mhux hekk biss izda hu baqa` f'kuntatt ma` din l-agenzija; sahansitra, ghadu jattendi dawk li jissejjhu 'gruppi' fi hdan l-istess agenzija. L-istess xhud tikkonferma li llum, l-imputat ghandu impjieg 'full-time', ghandu familja u zewg ulied (*twins*), u l-ahhar *urine test* li ghamel fit-2 ta` Dicembru 2013 hareg kif kien mistenni, cioe` negattiv ghall-presenza tas-sustanzi illegali. Hi tiddeskrivieh bi kliem car bhala *a success story*.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta' piena jew sanzjoni l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali tal-hati, l-ammissjoni bikrija tieghu fl-ewwel okkazjoni waqt dawn il-proceduri, il-fatt li huwa wera d-dispjacir ghal dak li kien ghamel, u fuq kollox dak li qalet ix-xhud Vicky Scicluna in rappresentanza tal-agenzija Sedqa. Din il-Qorti hi konvinta li l-imputat huwa effettivament *a success story*. U konsegwentement din il-Qorti thoss li jkun utili li tara li l-imputat ma jigix ostakolat fl-opportunita` li hu ghogbu jaghti lilu nnifsu, u cioe` li jaqbad it-triq it-tajba.

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446. Dan hu parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 jista jigi applikat sahansitra ghal reat punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba snin izda mhux aktar minn ghaxar snin.

Illi b'rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema li, fil-qies tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif aktar-il fuq esposti, inkluz il-karattru tal-hati, ma hux spedjenti li twahhal piena.

**Ghall-dawn il-mottivi l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 261, 263(a), 271(g) u 278(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil Clint Shead hati ta' l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul il-perjodu ta` tlett (3) snin mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lil Clint Shead fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------